Minuti tal-laqgħa numru sebgħa u tletin (37) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 9 ta' Ġunju 2021 fis-6.20pm, fi 34, Triq Inguanez, ir-Rabat, Malta.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| | Is-Sa Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |
| SKUŻAT: | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |

37.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija** — Talba u apoloġiji

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, il-Viċi Sindku, il-kunsillieri u s-SE qalu t-talba flimkien. Is-SE informa lill-kunsillieri illi irċieva messaġġ fuq il-mobile mingħand is-Sur Rudolph Grima sabiex ikun skużat illejla. It-talba intlaqgħet unanimament.

37.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru sitta u tletin (36)** — Minuti

Minuti tas-seduta numru sitta u tletin (36) kienu mqassma mal-agenda biex il-kunsillieri setgħu jaqrawhom. Dawn kienu kkunsidrati kif inhuma u kienu unanimament approvati u ffirmati wara li kienu proposti mill-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u ssekondati mis-Sra Doris Coleiro.

**Punti mill-Minuti**

37.02.01 Is-Sindku semma' l-problema li għandna bis-siġar tal-ficus li kibru spoporzjonalment fi Triq Santa Rita li jridu jitbaxxew jew isirilhom *light pruning* u jibqgħu għoljin xorta. Hu qal illi jekk dawn jirnexxielna nikkontrollawhom, se jkun hemm spazju għal erba' parkeġġi ġodda peress li ħadd ma jista' jipparkja taħthom bil-ħmieġ tal-għasafar. Se tkun iċċangata bil-madum ir-rampa tal-wheelchairs fil-jiem li ġejjin u xi kunsillieri qablu li ssirilha tinda minħabba l-ħmieġ tal-għasafar. — Triq Santa Rita

37.02.02 Dwar ir-Radju *Mics FM*, is-Sindku qal illi dan se jkollna naraw jieħdux xi ħadd privat. Hu qal illi għandu f'moħħu li jieħdu f'idejh dak li ħa l-offerta pubblika tal-*magazine* peress li fiha hemm ritratti, filmati u fuq kollox il-vuċi fil-filmati. — Mics FM

* F'dan il-punt, fis-7.20pm daħal is-Sur Nazju Cassar *on line.*

37.02.03 Dwar iz-zuntier tal-Bażilika ta' San Pawl tar-Rabat, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi dan jinħtieġ li jkun ipplottjat fuq *3D survey* ħalli wieħed tal-inqas ikun jaf x'hemm 'il fuq mit-triq, peress li nafu li hemm storja taħtu. — Zuntier tal-Bażilika

37.02.04 Reġa' kien imsemmi l-proġett tas-Saqqajja u s-Sindku, s-Sur Sandro Craus qal illi jinħtieġ illi l-proposti jkunu sottomess lill-Awtorità tal-Ippjanar. Hu qal illi l-proposta hi li nwessgħu il-bankina u nħallu l-istess ammonti tal-parkeġġi, filwaqt li ġiet skartata l- — Proġett tas-Saqqajja



Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

ideja li jitneħħa *bus stop/shelter* għaliex konna infurmati illi dawn il-waqfiet, huma popolari mmens mal-viżitaturi li jużaw tal-linja.

F'dan il-punt, is-Sra Doris Coleiro qalet illi ma taqbilx illi s-Saqqajja tirriduċi ruħha minn pjazza għal triq, għaliex se jkun hemm element ta' għeluq. Dan minkejja illi se jkun hemm il-ħolqien ta' ġnien, fejn se jinħoloq post ta' rilassament. Hija żiedet tgħid illi hemm affarijiet oħrajn bħall-bankijiet li mhux qed taqbel li ma jkunux aktar iħarsu 'l barra.

37.02.05 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi din il-ġimgħa iltaqa' fil-preżenza tas-SE mal-Perit Charles Buhagiar. Hu kien infurmat dwar il-proġett tal-Baħrija, li minkejja li aħna konxji li hemm obbligu fuq il-kuntrattur biex jagħmel ġnien pubbliku, il-Kunsill hu lest li jċedi l-proposta biex issir sala taħt l-istess ġnien. Dan minħabba l-feedback negattiv tan-nies li jidher li ma laqgħux il-proposta ta' cafeterija. Dwar spazju għal sala, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi hu infurmat illi l-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi se jibnu sala oħra ikbar fl-iskola tal-Baħrija kif ukoll ground 5-a-side tal-futbol. Dan issemma għaliex waħda mill-oġġezzjoni tal-pubbliku dwar il-proġett tal-Baħrija, kienet li mhux se jkun hemm spazju għal-logħob tal-ballun. Proġett tal-Baħrija

37.03 **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 324 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 43** Ċedola tal-Pagamenti

Iċ-ċedola tal-pagamenti numru 324 kienet approvata unanimament mingħajr item 14231 u kien hemm klarifika tas-Sur Ian Vassallo rigward item 14235, cioe' il-kont ta' Carmelo Gauci li jammonta għal €2,200. Is-SE qal illi skont l-invoice li kienet fuq il-mejda tal-kamra dan ix-xogħol kien jikkonsisti fi tneħħija ta' materjal ta' kostruzzjoni li tħalla fil-bir tal-ġnien li kien għadu kemm ġie inawgurat ġewwa Għar Barka, tisqija ta' siġar u xtieli fi Triq Santa Rita u ġew mimlija t-tankijiet tal-ilma li hemm fiċ-Ċentru Ċiviku biex jissaqqew is-siġar u x-xtieli fi Pjazza San Katald. Kienet approvata wkoll il-Purchase/Works Order numru 43 bit-tneħħija ta' armar dekorattiv tal-Milied 2021/22 minn Triq ir-Rebħa u Vjal Santu Wistin u tpoġġija ta' aktar *motifs* dekorattivi fi Triq il-Kulleġġ.

37.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Is-Sur Ian Vassallo staqsa jekk il-KLR hux qed iħallas tal-uffiċjali tal-komunità li qed ikunu stazzjonati kull nhar ta' Ħadd fuq il-monti. It-tweġiba kienet fl-affermattiv għaliex bħalissa qed isir eżerċizzju mportanti biex innaqqsu l-ammont ta' bejjiegħa li ma jkunux irmaw għal sitt darbiet (iĦdud) wara xulxin kif ukoll il-posti enormi li qed jokkupaw. L-uffiċjali tal-komunità qegħdin hemm biex jagħtu aċċess lir-residenti ta' Triq Franġisk Catania, sa Għeriexem peress li Triq Għeriexem hija magħluqa minħabba xogħlijiet minn Infrastruttura Malta. Monti tal-Ħadd

37.05 **Petizzjoni: Biex Parti minn Triq in-Nigret issir one-way.** Triq in-Nigret – one way

It-talba kienet aċċettata. Issa trid issir konsultazzjoni pubblika meta jippermettu d-direttivi tal-awtoritajiet tas-saħħa fil-pandemija Covid 19. Imbgħad jinħarġu l-permessi minn Transport Malta.

37.06 **Kuntratt bejn il-Kunsill Lokali tar-Rabat u l-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma (EWA) dwar tbattil tal-litter bins fl-Għajn tan-Nigret u Wied il-Qlejgħa mil-Fiddien 'l isfel.** Ftehim dwar tbattil ta'



Kunsill Lokali tar-Rabat; 30, Triq Inguanez, ir-Rabat; Tel: 21455000; E-mail: rabat.malta.lc@gov.mt

Kien diskuss il-kuntratt li fasslu magħna l-EWA biex il-KLR inaddaf il-bins tal-iskart madwar iċ-Ċentru Għajn tan-Nigret inkluż il-bandli, u Wied il-Qlejgħa minn naħa tal-Fiddien u l-pont ta' Slampa għal €10,000 fis-sena. Dwar dan kien il-ftehim kien hemm qbil unanimu. reċipjenti tal-iskart

37.07 **Tiġdid tal-Kuntratt tad-Data Protection Officer b'sena ma' Advocates Primei**

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat qabel illi jġedded il-kuntratt ma' *Advocates Primei* dwar id-*Data Protection Officer*. Is-SE qal illi matul is-sena saru anke lectures mal-ħaddiema tagħna kollha dwar il-protezzjoni tad-data.

37.08 **Talbiet għall-ħlasijiet ta' kumpens f'aċċidenti tat-traffiku.** 3 inċidenti tat-traffiku

Kienu ppreżentati dik tal-aċċident tal-Fiddien li kien diġa' ġie mtella' fil-laqgħa/t preċedenti, ieħor fl-Imtaħleb u ieħor f'Taċ-Ċawla. Il-KLR qabel illi jagħti kumpens lill-persuni involuti f'Taċ-Ċawla u l-Fiddien u mhux dak tal-Imtaħleb li ma kellux ir-rapport tal-Pulizija.

37.09 **Proġett Interreg V Italia – Malta GiFLUID; Ħruġ ta' Offerti Pubbliċi** Proġett ta' Pjazza San Duminku

Il-KLR kien infumat illi kkwalifikajna minn dan il-proġett li kien xprunat mill-Aġenzija tal-Ilma u l-Enerġija. Aktar 'l quddiem se jkun hemm kuntatt bejnietna dwar kif se nipproċedu.

37.10 **Biex jinħatru l-evalwaturi tal-Offerta Pubblika tal-Vetturi Elettriċi (konġunta mal-Imdina)** Vetturi Elettriċi

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat qed jipproponi illi jkun hemm is-SE tal-Kunsill kif ukoll l-Inġinier (it-tifel ta' Amadei) u Dr Richard Sladden. Il-voting member l-ieħor se jkun nominat mill-Kunsill Lokali tal-Imdina u s-SE tal-Imdina se jkun Chairman/Segretarju tal-Bord.

37.11 **Minuti tal-laqgħa li nżammet nhar is-26 ta' Mejju dwar rotot ta' vetturi tqal meta se tkun qed titwaqqa' l-lukanda Verdala** Rotta tal-vetturi – Lukanda Verdala

Il-minuti tal-laqgħa tas-26 ta' Mejju tal-KLR kienu pprovduti ma' din l-agenda u s-SE ta r-rotta meħuda minn fuq il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar li kienet ipprovduta minn AX Group fil-laqgħa ta' nhar it-3 ta' Ġunju 2021 li turi illi t-toroq użati se jkunu Triq: ir-Rgħajja, Virtù, Francesco Azzopardi, Buskett, Dingli u wkoll Ħal Tartarni, Dingli u Vjal il-Ħaddiem.

37.12 **Minuti tal-laqgħa li nżammet mal-Pulizija tal-Komunità nhar l-1 ta' Ġunju.** Pulizija tal-Komunità

Il-minuti tal-laqgħa li nżammet mal-Pulizija tal-Komunità ta' nhar l-1 ta' Ġunju kienu kkunsidrati moqrija u approvati unanimament.

37.13 **Punti Oħra**

37.13.1 Is-Sra Doris Coleiro semmiet l-abbuż b'vettura pparkjat fi Triq San Franġisk mgħottija b'liżar fuq parkeġġ ta' persuni b'diżabilità mingħajr m'għandha permess. Il-KLR se javża lill-Pulizija tal-Komunità. Abbuż minn vettura pparkjata

37.13.2 Is-Sur Ian Vassallo semma' l-ilment minn arblu tad-dawl li se jaqa' fuq xi ħadd għaliex jinsab mgħawweġ fi Triq Vinċenzo Ciappara fejn il-ħarruba. Dan l-ilment irid ikun komunikat mal-Korporazzjoni Enemalta. Arblu mgħawweġ

| | | |
|---|---|---|
| 37.13.3 | Is-Sur Ian Vassallo semma' l-bżonn illi jsir *upgrade* taz-zona ta' madwar il-Mitħna taċ-Ċagħqi. Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus ikkonferma illi matul ix-xitwa li għaddiet sar *light pruning* lis-siġar tal-prinjol, iżda issa trid issir manutenzjoni fuq iċ-ċint tal-gagazza u r-*railing* tat-taraġ. | Xogħlijiet f'Taċ-Ċagħqi |
| 37.13.4 | Is-Sur Ian Vassallo qal illi tkellem mal-Perit ta' Infrastruttura Malta dwar it-toroq ġodda li qed jinbnew fl-inħawi ta' Triq Sant Aristarku bil-preokkupazzjoni tiegħu dwar il-parkeġġ li se jonqos. Madankollu hu qal illi lanqas il-perit innifsu ma seta' jwieġeb b'ċertezza x'kien ser jiġri. Dwar dan se nżommu kuntatt ma' IM. | Toroq ġodda minn Infrastruttura Malta |
| | * Is-Sur Ian Vassallo telaq mil-laqgħa fit-8.00pm. | |
| 37.14.5 | Is-Sra Doris Coleiro qalet illi bħal kull sena, jinħtieġ illi sal-Imnarja jitbajjad il-ħajt tas-Saqqajja biex ikun hemm dehra aktar nadifa tal-post in vista illi jgħaddu tant karozzi minn dan is-sit u sintendi d-duħħan li jħallu warajhom. | Ħajt tas-Saqqajja |
| 37.14.6 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi ma jistax ikun li l-vetturi tqal jibqgħu deħlin ir-Rabat u jgħaddu minn toroq bħal ma hija Triq Gorg Borg Olivier. Hu qal illi l-avukat Richard Sladden qed iħejji biex jippreżenta *bye-law* f'dan is-sens u jagħti gwida kif għandu jmexxi 'l quddiem din it-talba lill-awtoritajiet. | Bye-Law |
| 37.14.7 | Kien ippreżentat ir-rapport finanzjarju ta' Mejju 2021 mill-Accountant Ms Romina Perici Ferrante. Is-SE qara is-sommarju u dan kien approvat bi kważi €50,000 fi żbilanċ bejn id-dħul u l-ħruġ. Hawn is-Sindku qal illi dan kien jixhed l-infieq li sar ta' darba bħall-ħlas tal-vettura Citroen C3. | Rapport finanzjarju ta' Mejju 2021 |
| 37.14.8 | Il-petizzjoni li kienet ippreżentata lill-Kunsill Lokali tar-Rabat, biex isiru żewġ *sleeping policemen* oħra fi Triq l-Arpa, f'Għar Barka u f'Ħofret ir-Rizz ma kienux milqugħa. Dan għaliex dik ta' Għar Barka m'hix waħda mit-toroq arterji u hija dejqa ħafna, filwaqt li l-oħra hija triq rurali li għadha kemm inksiet bit-tarmak bħall-kumplament tal-Imtaħleb kollu, li rari tiltaqa' ma vettura fiha. | Sleeping Policemen |
| 37.14.9 | Is-Sur Nazju Cassar ressaq il-punt illi l-ġnien ta' quddiem il-Knisja ta' San Duminku mhux jinħarat u jissaqqa. Hu qal illi dan irid ikun fl-aqwa tiegħu peress li jista' jitgawda ħafna minn dawk kollha li jkunu għaddejjin minn Triq Gorg Borg Olivier, filwaqt li hu mportanti li jkollu xi ftit fjuri. | Ġnien quddiem il-Knisja ta' San Duminku |
| 37.14.10 | Is-Sur Nazju Cassar ippropona illi titnaddaf Triq Lawrenti li tagħti mill-Buskett lejn it-Triq tas-Siġġiewi. Hu qal illi din jinħtiġilha li jinqata' minnha l-ħaxix ħażin li kiber. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus żied jgħid illi għadna kemm naddafna mill-ħaxix ħażin Triq il-Merħliet. | Qtugħ ta' ħaxix ħażin fi Triq Lawrenti |
| 37.14 | **Tmiem il-laqgħa u data u l-ħin tas-seduta li jmiss.** | Aġġornament |
| | Il-Kunsill Lokali tar-Rabat se jiltaqa' nhar it-30 ta' Ġunju fis-6.00pm u din il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm. | |

| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
|---|---|
| Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 30.6.2021 minn<br>Segretarju Eżekuttiv | Sandro Craus<br>Sindku |